



European Medicines Agency

EMA/H/C/666

RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI PUBBLIKA EWROPEW (EPAR)

ACOMPLIA

Sommarju ta' l-EPAR għall-pubbliku

Dan id-dokument huwa sommarju tar-Rapport tal-Valutazzjoni Pubblika Ewropew (EPAR). Jispjega kif il-Kumitat għal Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) iwwaluta l-istudji mwettqin, biex jissodisfa r-rakkomandazzjonijiet tagħhom dwar kif tintuża l-mediċina. Jekk teħtieġ iktar tagħrif dwar il-kundizzjoni medika jew it-trattament tiegħek, aqra l-Fuljett ta' Tagħrif (li hu wkoll parti mill-EPAR) jew kellem lit-tabib jew lill-ispjazzar tiegħek. Jekk trid aktar informazzjoni abbażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' CHMP, aqra d-Diskussjoni Xjentifika (ukoll parti mill-EPAR).

X'inhil ACOMPLIA?

ACOMPLIA hija mediċina li fiha s-sustanza attiva rimonabant. Hija tiġi bħal pilloli bojod f'forma ovali.

Għal xiex tintuża ACOMPLIA?

ACOMPLIA tintuża flimkien ma' dieta u eżerċizzju biex tikkura pazjenti adulti:

- Li għandhom piż eċċessiv (ħafna piż żejded) b'indiċi tal-massa korporja (BMI) akbar minn jew daqs 30kg/m²,
- Li għandhom piż żejded (b' BMI akbar minn jew daqs 27kg/m²) u li għandhom ukoll fatturi ta' riskju oħra, bħal ma huma dijabete tip 2 u dislipidimja (livelli mhux normali ta' xaħmijiet fid-demm tagħhom).

Il-mediċina tista' tinkiseb biss permezz ta' riċetta ta' tabib.

Kif tintuża ACOMPLIA?

ACOMPLIA tittieħed bħala pillola waħda darba kuljum, qabel il-kolazzjon. Il-pazjenti għandhom ukoll isegwu dieta ta' kaloriji mnaqqsa u jżidu l-livell ta' l-attività fiżika tagħhom. Il-mediċina m'għandhiex tintuża f'pazjenti li għandhom problemi severi bil-fwied jew bil-kliewi tagħhom.

Kif taħdem ACOMPLIA?

Is-sustanza attiva f'ACOMPLIA, rimonabant, hija antagonist tar-riċettur kannabinojde. Hija taħdem billi timblokka tip speċifiku ta' riċettur, ir-riċetturi kannabinojde (CB1) tip 1. Dawn ir-riċetturi jinsabu fis-sistema nervuża, u huma parti mis-sistema li l-ġisem juża biex jikkontrolla t-teħid ta' l-ikel. Ir-riċetturi jinsabu ukoll fl-adipociti (tessut tax-xaħam).

Kif ġiet studjata ACOMPLIA?

L-effetti ta' ACOMPLIA kienu l-ewwel ittestjati f' mudelli sperimentali qabel ma ġew studjati fil-bnedmin.

Saru erba' studji ta' ACOMPLIA f'pazjenti b'piż żejded u piż eċċessiv, li involvew kważi 7,000 pazjent, li l-piż tagħhom fil-bidu ta' l-istudji kien medja ta' 94 sa 104kg. Studju wieħed haress b'mod partikolari aktar

7 Westferry Circus, Canary Wharf, London E14 4HB, UK
Tel. (44-20) 74 18 84 00 Fax (44-20) 74 18 84 16

E-mail: mail@emea.europa.eu <http://www.emea.europa.eu>

©EMA 2007 Reproduction and/or distribution of this document is authorised for non commercial purposes only provided the EMA is acknowledged

lejn pazjenti b'livelli mhux normali ta' xaħmijiet fid-demm, u wieħed lejn pazjenti b'dijabete ta' tip 2. L-istudji qabblu l-effett ta' ACOMPLIA ma' dak ta' plaċebo (kura finta) fuq telf ta' piż fuq sena sa sentejn. Studju wieħed ħares kif dan it-telf jista' jkun mizimum waqt it-tieni sena.

Saru ukoll erba' studji ta' ACOMPLIA bħala ghajjnuna biex jieqaf it-tipjip f'aktar minn 7,000 pazjent, u qabbluha ma' plaċebo, u kejl u l-effett tal-mediċina mogħtija għal 10 ġimgħat (sena f'wieħed mill-istudji) fuq it-twaqqif tat-tipjip, u fuq rikaduti fis-sena segwenti.

X'benefiċju wriet ACOMPLIA waqt l-istudji?

Wara sena, il-pazjenti kollha li rcievw ACOMPLIA tilfu aktar piż milli dawk li rcievw plaċebo: tilfu medja ta' 4.9kg aktar minn plaċebo, ħlief fl-istudju f'pazjenti dijabetiċi, fejn id-differenza fit-telf tal-piż kienet 3.9kg. Il-mediċina naqqset ukoll ir-riskju ta' żieda ta' piż mill-ġdid.

L-istudji tat-twaqqif mit-tipjip ma wrewx riżultati konsistenti, u l-effett ta' ACOMPLIA f'dan il-qasam kien diffiċli biex tismah. Il-kumpanija iddeċiediet li tirtira l-applikazzjoni tagħha għal twaqqif tat-tipjip. Għaldaqstant, ACOMPLIA mhix irrikkmandata bħala ghajjnuna għat-twaqqif tat-tipjip.

X'inh u r-riskju assoċjat ma' ACOMPLIA?

Waqt l-istudji, l-aktar effetti sekondarji komuni b'ACOMPLIA (dehru f'aktar minn pazjent 1 minn kull 10) kienu nawżja (dardir) u infezzjonijiet tal-passaġġ respiratorju tan-naħa ta' fuq. Għal-lista sħiħa ta' l-effetti sekondarji kollha irrapportati b'ACOMPLIA, ara l-Fuljett ta' Tagħrif.

ACOMPLIA m'għandhiex tintuża f'pazjenti li jistgħu jkunu sensitivi żżejjed (allerġiċi) għal rimonabant jew għal xi sustanzi oħra tiegħu, jew f'nisa li qed ireddgħu. Ma tistax tintuża f'pazjenti b'depressjoni maġġura li għada fuqhom jew li jkunu qed jiggu ikkurati b' antidepressanti, peress li tista' żżid ir-riskju ta' depressjoni, inklużi ħsibijiet dwar suwiċidju f'minoranza żgħira ta' pazjenti. Pazjenti li jesperjenzaw sintomi ta' depressjoni għandhom ikellmu lit-tabib tagħhom u jistgħu jeħtieġu li jwaqqfu l-kura. Meta ACOMPLIA tittieħed ma' xi mediċini, bħalma huma, ketoconazole jew itraconazole (mediċini anti-fungali), ritonavir (użat f'infezzjoni HIV), jew telithromycin jew clarithromycin (antibijotiċi), għandha tintuża l-kawtela.

Għalix ġiet approvata ACOMPLIA?

Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għal Użu mill-Bniedem (CHMP) ikkonkluda li ACOMPLIA wriet l-effikacija tagħha fit-tnaqqis tal-piż f'pazjenti b'piż eċĊESSIV jew b'piż żżejjed u b'fatturi ta' riskju assoċjati. Il-Kumitat iddeċieda li l-benefiċji ta' ACOMPLIA huma akbar mir-riskji tagħha meta wżata, flimkien ma' dieta u eżerĊizzju, biex tikkura f'pazjenti b'piż eċĊESSIV jew b'piż żżejjed b'fatturi ta' riskju bħalma huma dijabete tip 2 jew dislipidimja. Il-Kumitat irrikkmanda li ACOMPLIA tingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

X'miżuri qed jittieħdu biex jassiguraw l-użu sigur ta' ACOMPLIA?

Il-kumpanija li tagħmel ACOMPLIA se tfassal programm biex tassigura li l-mediċina tintuża f'pazjenti li għandhom bżonnha għas-saħħa, aktar milli għal raġunijiet kosmetiċi, billi tipprovdi pakketti edukattivi għall-pazjenti u għat-tobba, u tissorvelja kif tintuża l-mediċina. Il-kumpanija se tuża databases speċifiċi biex tissorvelja l-effetti sekondarji ta' ACOMPLIA, speċjalment dawk marbuta mas-sistema nervuża.

Tagħrif ieħor dwar ACOMPLIA:

Il-Kummissjoni Ewropea tat l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal ACOMPLIA valida fl-Unjoni Ewropea kollha lil sanofi-aventis fid-19 ta' Ġunju 2006.

L-EPAR sħiħ għal ACOMPLIA huwa disponibbli minn [hawn](#).

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar f'10-2007.